MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 601/2003

**Grace Agius u b'digriet tat-12 ta' Novembru 2003, il-kunjom gie mibdul minn 'Agius' ghal 'Borg'.**

**vs**

**Joseph Agius**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-19 ta' Novembru tas-sena 1966 fil-Knisja ta' Haz-Zabbar, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru ta' l-Iskrizzjoni 1823/1966. Dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg u mmarkat Dok. "A";

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u

fuq id-drittijiet esenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut li jaqbdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif inhuma rikonoxxuti mill-ligi Maltija;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Il-konvenut izzewweg meta ma kellu l-ebda ntenzjoni li jsegwi fedelment l-elementi essenzjali taz-zwieg kif inhuma rikonoxxuti mill-ligi Maltija;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att XXXVII ta’ l-1975** li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett legali.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-19 ta’ Novembru tas-sena 1966, huwa null u minghajr effett legali.

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, huwa baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat in-nota ta’ l-attrici pprezentata fit-12 ta’ Novembru 2003 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2003 fejn Dr. Ludvic Caruana ghall-attrici talab li ssir korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens illi kunjom l-attrici jigi mibdul minn "Agius" ghal "Borg"; il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 9 ta' Dicembru 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha a fol. 13 tal-process u datat 12 ta' Novembru 2003 **l-attrici** xehdet li:-

*"Illi jiena sirt naf lill-konvenut meta kien ghad kelli biss tmintax-il sena u hu kellu ghoxrin sena. Konna ltqajna Bormla waqt li jiena kont ghand ohti. Ma konniex niltaqghu ta' spiss ghaliex missieri ma kienx ihallini nohrog u ghalhekk gieli kien jigi jarani d-dar. Jiena kont imdejqa d-dar ghaliex missieri kien iebes hafna mieghi. Kelli tmien huti barra jiena, u kont nispicca naghmel hafna facendi tad-dar wahdi ghaliex kienu jippretendu li naghmel kollox jien.*

*Illi kont ilni nohrog mal-konvenut xi hdax-il xahar meta talabni nizzewgu. Jiena accettajt ghaliex irragunajt li kont ser inkun ahjar mieghu, 'il boghod mid-dar tal-genituri tieghi u li almenu kien ser jirnexxieli nahrab minn taht idejn missieri u huti l-ohra. Nghid li jiena ma kontx kuntenta mal-konvenut ghaliex huwa mill-bidu nett ma kienx jaghti kazi izda kont irragunajt li jekk nizzewgu kont ser inkun ahjar milli kont id-dar tal-genituri tieghi.*
*Illi zzewwigna fid-19 ta' Novembru 1966 fil-Parrocca tal-Grazzja ta' Haz-Zabbar. Morna noqoghdu gewwa post f'Bormla. Mill-ewwel indunajt li l-hajja tieghi ta' mizzewga ma kenitx ser tkun wahda felici ghaliex ezatt wara li zzewwigna, il-konvenut kien ihallini sighat twal wahdi d-dar sabiex ikun jista' johrog ma' shabu. Baqa' jghix hajja*

*ta' guvni bhalma kien ighix qabel ma zzewwigna. Kont nibza' nilmenta mieghu fuq dan il-fatt peress li kien jibda jghajjat malli tibda` tkellmu. Jiena kont nibza' minnu tant li ma kont nghidlu xejn bil-konsegwenza li hu baqa' jaghmel l-istess. Xi hdax-il xahar wara z-zwieg taghna, kellna tifla, Mary Grace. Avolja issa kellna tifla, huwa xorta wahda baqa' johrog u jdum barra bhalma kien jaghmel qabel u jhallini gewwa bhal annimal. Ma kienx jinteressah li jiena kont inkun wahdi d-dar mat-tarbija, u lanqas kien jinteressah mill-istess tifla.*

*Illi nghid li ezatt kif twieldet it-tifla huwa ma riedx jaf bija aktar. Lanqas ried li jkollna rapporti sesswali flimkien. Niftakar li ftit wara t-twelid ta' binti, kelli naghmel operazzjoni u minhabba l-operazzjoni kien difficli li jiena nerga' ninqabad tqila. Huwa kien dejjem jarani bhal mara li ma kont niswa' ghal xejn u di fatti, kien jghidli li kien qieghed ikun inutili li huwa jkollu x'jaqsam mieghi meta kien jaf li kien difficli li jiena nerga' nohrog tqila. Dan ma hu xejn. Il-konvenut kien aggressiv hafna mieghi. Fil-fatt, mhux l-ewwel darba li refa' idejh fuqi u weggaghni. Meta t-tifla kienet ghadha zghira, kienet titwerwer minnu meta tisimghu jghajjat mieghi u jaghtini bil-ponn. Jiena qatt ma tarraft xejn b'dan lil missieri u lil huti ghaliex kont nibza' li jmorru jaghmlu ghalih. Huma kienu jintebhu li ma kontx kuntenta mieghu izda meta kienu jsaqsuni x'ghandi, jien kont inwegibhom li ma kien ikolli xejn ghaliex kont verament nibza' li jistghu jigu fl-idejn bil-konsegwenza li jirbahhom il-habs.*

*Illi l-konvenut kien kontinwament jheddidni li ser joqtolni u li ser iwaddabni l-bahar, li ser jitfaghni fil-gnien ta' magenbna jew fil-bir. Kien ikollna hafna argumenti l-aktar meta konna nkunu barra flimkien. Mhux l-ewwel darba li kien jaqbad jargumenta f'nofs tat-triq u kien ihallini wahdi u hu jitlaq bil-karrozza. Haga li kont ninnota fih kienet li hu kien jara kif jaghmel biex jaqbad xi argument mieghi halli jsib skuza biex jitlaq ghal rasu. Meta kien ikun irrabjat kien jammetti mieghi illi bhali jsib ahjar minni u li kien qieghed jinqeda ma' nisa ohra. Din tan-nisa lili kienet tweggaghni hafna izda xi stajt naghmel, hlief li nittama li jibdel hajtu. Qabel ma zzewwigna kont qbadtu jittanta nisa ohra. Din*

*in-namra ghan-nisa kompliet ukoll wara z-zwieg. Kien imur maghhom u jammetti dan f'xi argument shun. Fil-fatt kien jghidli: "Dak ………………………….ma jigix minni, fejn isib jidhol.*

*Illi darba minnhom, niftakar li kellna argument waqt li konna d-dar. Il-konvenut ifferocja u beda jkaxkarni minn xaghri quddiem it-tifla. Kelli hafna dbengil u fil-fatt kont mort ghamilt rapport l-ghassa. Darba ohra, kellna argument waqt l-ikel u qabad il-platt li minnu kien qieghed jiekol u tefaghhuli ghal wicci. F'incident minnhom, kien tefaghli l-fan fid-direzzjoni tieghi u f'okkazzjoni ohra gie b'mus ghalija u qalli sahansitra li ried jaqlaghli ghajnejja bil-mus. Rigward il-flus, kont inkun irrid nitolbu bil-hniena biex jaghtini xi ftit flus biex nghixu jiena u binti. U meta kien ikolli xi haga mwarrba, huwa kien jehodhieli wkoll. Nissuspetta li huwa kien laghbi izda jiena ma kontx inkun mieghu u ghalhekk qatt ma rajtu jaghmel hekk.*

*Illi domt nghix f'din il-hajja ghal snin twal. Qatt ma kelli l-kuragg nitilqu ghaliex kif diga' ghidt qabel kont nibza' li tal-familja tieghi jduru ghalih u wkoll ghaliex ridt li t-tifla tghix f'familja ghalkemm sfortunatament kien ikollha tassisti ghall-incidenti vjolenti ta' bejnietna. Huwa telaq mid-dar ghal kollox xi ftit xhur ilu hekk kif hadna s-separazzjoni. Telaq ghal kollox ghaliex skond hu qatt ma habbni u li kien umbrani. Hekk kif telaq ghal kollox stqarr mieghi illi lili qatt ma habbni, la qabel iz-zwieg u lanqas wara z-zwieg. Dan id-diskors lili weggaghni, izda fil-fond ta' qalbi kont nafu ghalkemm qatt ma stajt naccettaha din ir-realta'. Mhux facli ghal mara li thobb u li tkun qeghdha trabbi familja tasal taccetta li zewgha qatt ma habbha. Pero' llum li ninsab wahdi nista' nahseb fil-fond fuq dan u nikkonfermah. Zewgi dejjem stmani ta' oggett biex naqdih u biex innaddaflu u nsajjarlu. Izjed minn hekk xejn, lanqas ghall-hajja sesswali ghax kif ghidt wara li kelli t-tifla huwa tani daharu. Komunikazzjoni bejnietna qatt ma ezistiet, la fil-hdax-il xahar ta' l-gherusija u lanqas fiz-zwieg. Ma niftakarx moment wiehed f'hajjitna bilqeghdha u niddjalogaw jew nippjanaw u niftehmu. Ma kienx persuna li tista' tirraguna u titkellem mieghu. Mslli tkellmu kien jibda jidghi b'Alla u bil-Madonna u jitlaq 'il barra. Jiena u*

*hu ghexna hajjitna bhal zewg strangieri, li jinsabu flimkien b'kumbinazzjoni. Zgur mhux kaz li qatt ghexna hajja mizzewga. Ghexna flimkien taht saqaf wiehed iva izda mhux bhala zewg mizzewgin.*

*Illi nista' nghid b'wicci minn quddiem illi zewgi qatt ma ppartecipa fil-hajja mizzewga. Ir-responsabbilta' tal-familja kienet taqa' kollha fuqi. Hu ma kien irid jidhol f'xejn u kien jghidli 'lili ddahhalni f'xejn'. Kif stajt allura naqsam hajti bhala mizzewga ma' dan il-persuna? Huwa kien bniedem li ma kienx kapaci jassumi l-ebda responsabbilta' taz-zwieg. Zewgi qatt ma ghaddha l-passagg u ma kienx kapaci jghaddi l-passagg minn hajja ta' guvni ghal hajja ta' mizzewweg bir-responsabbiltajiet li ggib maghha. Ma setax ikun illi r-responsabbiltajiet kont ingorrhom kollha wahdi. Bejnietna kien hemm hajt li beda` tiela' ma' l-gherusija u waqa' biss meta sseparajna.*

*Illi nistqarr li jiena hadt ir-ruh minn mindu telaq. Ma bqajtx aktar bezghana li ser jigi lura mix-xoghol jew minn barra u jibda jaghtini, jghajjat u jheddidni. Jekk xejn ma bqajtx nisma' aktar diskors li kien ser 'ihanxarli ghonqi u jdendilni mas-sodda'. Illum il-gurnata norqod b'rasi mistrieha li mhux gej joqtolni waqt li nkun rieqda ghaliex nghid li jiena qatt ma rqadt ghajn ma' ghajn ghaliex it-theddid tieghu kont nisimghu jidwi f'widnejja waqt li kont nipprova norqod.*

*Illi nghid li ghalkemm jiena ma tantx kelli kunfidenza mal-familja tieghu, sa llum ghadni nisma' f'widnejja 'l ommu tghidli fil-bidu li kont nohrog mieghu, li jiena ma kontx naf ser naghmel b'idejja ghaliex skond hi, ma kienx jixraqli li 'niehu mignun bhalu'. Jiena ma kontx tajt kaz ghal dawn il-kliem taghha peress illi hu kien l-ewwel ragel f'hajti u ma kontx fhimtha billi kien ghad kelli biss tmintax-il sena. Illum wara hafna snin stajt nifhem illi riedet tiftahli ghajnejja. Nahseb li jiena kont mignuna u mhux hu, ghax hadtu. Illum nirrealizza xi bniedem kien u kemm kien gravi ghaliex liema omm tasal biex tghid hekk fuq binha ma' mara li ghada pitghada kellha tkun martu? Dan il-parir ta' ommu ma hadtux peress illi kont ghadni immatura u f'dawk iz-zminijiet u cioe' hamsa u tletin sena ilu ma*

*kellniex it-taghlim li hawn llum. Kont imgerrxa d-dar u hsibt li se nghaddi ghal hajja ohra, pero' gharrali bl-ikrah ghax mit-tagen mort ghal gon-nar.*

*Illi f'dawn il-wiehed u tletin (31) sena li ilni naf lil zewgi dan qatt ma nbidel. Baqa' dejjem l-istess. Li nista' nghid illi kien bniedem li qatt ma kkomunikajt mieghu u baqa' mmatur tul iz-zwieg kollu. Din il-haga li n-nisa ma qataghhomx u baqa' jmur maghhom ma ghenitx biex ikollna zwieg sura. Kien hemm bosta fatturi illi fixklu li nibnu familja. Bqajna zewg individwi b'hajt jifridna li ltqajna b'kumbinazzjoni u dhalna ghaz-zwieg b'ghajnenjna maghluqa. Illum li m'ghadnix nghix mieghu inhoss id-differenza. Minflok iz-zwieg sahhahni, inhoss illi s-separazzjoni regghet bnietni mill-gdid. M'n Alla li gara hekk. Jiena xtaqt hafna li z-zwieg taghna ffunzjona izda li ghaddha ghaddha. Illum bdejt nerga' nghix mill-gdid."*

## ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attrici hija qalet li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, l-attrici sostniet illi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*
*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta' l-istess **artikolu 19 (1) (d)** il-Qorti trid tara jekk qabel iz-zwieg il-partijiet ikkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly*.

*Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of*

*insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in "*l'immaturite" et le consentement matrimonial*"*** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual*

*surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. (**Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687)."

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu*", jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe',*

*issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"consortium vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe`:-
*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi f'dan ir-rigward, issir riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi fl-ismijiet **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida"** (P.A. (N.A.) 10 ta' Ottubru 1995) u **"Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Jannar 1998) u cjoe' li:-

*"meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament."*

Illi fi kliem il-gurista ***Castano***:-
*"… l'atto posittivo della volonta' non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto posittivo richiesto dal canone puo' essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta' puo' essere ritenuta una facolta' poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente".*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi <u>kollha</u> kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabilita', li kien hemm l-eskluzjoni posittiva imsemmija".*

Illi fis-sentenza ta' l-10 ta' Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (P.A. (VDG) Citaz. Numru 171/95 VDG), din

Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere I miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

*Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi* ***"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"*** *(P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u* ***"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"*** *(P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u* ***"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua."*** *(P.A. (RCP) ta' l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan jaqa' taht id-dispozizzjonijiet ta' l-****artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.***

## <u>iii) Apprezzament tal-Provi.</u>

Illi mill-provi prodotti u senjatament dawk biss migjuba mill-attrici jidher li din l-mara qatghet hajjitha martirju mal-konvenut, li lanqas biss irrisponda ghat-talba ta' l-attrici ghall-annulment taz-zwieg peress li baqa' kontumaci.

Illi intant mill-provi prodotti jirrizulta li dak li wassal lill-attrici sabiex ta' eta' zghira ta' tmintax (18) il-sena tizzewweg lill-konvenut kien fuq kollox il-fatt li hija kienet parti minn familja kbira u ghalhekk hija hasset li kien ikollha hajja ahjar jekk tinghaqad mal-konvenut fiz-zwieg, ghaliex fuq kollox ma kienx ikollha tippartecipa sabiex tiehu hsieb hutha.

Illi din jidher li kienet l-unika konsiderazzjoni li l-attrici hadet sabiex taghmel dan il-pass li jbidlillha hajjitha, u kien ghal xejn li omm il-konvenut wissietha dwar l-karattru tal-konvenut u iktar u iktar minn dan huwa relevanti li hija xorta nizlet rasha u zzewwget lill-konvenut minkejja li hija stess sostniet li fi zmien l-eghrusija l-istess konvenut ftit kien jaghti kas taghha.

Illi dan juri b'mod mill-iktar car, u hawn wiehed jirreferi direttament ghall-affidavit kollu ta' l-attrici hawn riportat, x'kunsiderazzjonijiet kellha l-attrici li wassluha biex tizzewweg, konsiderazzjonijiet li juru bl-iktar mod lampanti li l-istess attrici ma kenitx f'pozizzjoni li taghmel ghazla ta' din ix-xorta, ghazla li kellu jkollha effett fuq hajjitha kollha; hawn il-Qorti ma hijiex qed titkellem fuq semplici mmaturita' ta' l-attrici, haga li tidher ovvja, kemm ghaliex l-attrici kellha biss tmintax (18) il-sena meta zzewget u kemm ghaliex l-attrici qatt ma kellha l-ebda eseperjenza ta' guvni iehor, izda fuq nuqqas ta' kunsens validu sabiex hija tkun tista' taghmel tali xelta b'mod liberu b'dan li hija setghet thares lejn iz-zwieg bhala komunjoni ta' hajja u mhabba li fuqha kellha tigi maghhguna hajjitha kollha f'din id-dinja.

Illi l-attrici fil-fatt jidher li kienet qed tfittex mhux li tikseb l-massimu tal-hajja f'unjoni ma' persuna ohra li taqsam maghha kemm l'idejali tal-hajja kommunarja nkluza dik materjali sabiex jghixu bhala familja, izda biss sabiex hija tahrab mis-sitwazzjoni tal-familja taghha li jidher li kienet

wisq ghaliha; ix-xelta libera kienet f’dawn ic-cirkostanzi kompletament imxekkla mill-psikiku taghha tant li hija lanqas biss kienet f’pozizzjoni li tevalwa sew it-trattament taghha mill-konvenut, li anke qabel iz-zwieg kien wiehed li jinjoraha.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju abbazi tal-provi prodotti, u l-mod konsistenti li xehdet l-attrici tul l-affidavit kollu taghha, li hemm kaz li l-istess zwieg jigi ddikjarat null minhabba n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju tal-kunsens ta’ l-attrici ghal dan iz-zwieg, u dan ghaliex l-kunsens taghha kien ivvizjat skond it-termini ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi dwar il-kunsens tal-konvenut, ghalkemm xhieda tieghu ma hemmx, jidher li l-istess konvenut qatt ma ghamel il-qabza minn hajja ta’ guvni ghal dik ta’ hajja mizzewwga, tant li jidher li huwa kien u baqa’ jghix ta’ bniedem mahlul minn kull responsabilita’ ta’ zwieg, u dan billi naqqas li jassumi r-responsabbiltajiet tieghu ta’ ragel tal-familja, u mhux biss izda haqar lil martu kemm bi vjolenza domestika u vjolenza morali, billi mhux biss ma kienx iffittixha, izda billi addirittura kien jidher li jaghmel minn kollox sabiex ibaxxilha l-moral u d-dinjita’ taghha, u kien jiftahar maghha li huwa kellu fejn jaqdi l-bzonnijiet tieghu, atti li jidher li kien effettivament jaghmel b’mod kontinwu u b’nuqqas ta’ lejalta’ lejn martu.

Illi huwa veru li t-testimonjanza li din il-Qorti ghandha dwar l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg hija biss ta’ atti li sehhew wara c-celebrazzjoni ta’ l-istess, izda kif inghad dwar dan f’diversi sentenzi ohra, anke minn din il-Qorti kif presjeduta, dawn l-atti li jsehhu wara z-zwieg jistghu jaghtu dawl u indikazzjoni tan-natura ta’ kunsens li jkun inghata ghac-celebrazzjoni taz-zwieg, u f’dan il-kaz certament li hekk huwa, ghaliex jidher li l-attitudini u l-atteggament tal-konvenut tul il-konvivenza tieghu ma’ l-attrici, kien wiehed konsistenti ta’ nuqqas ta’ rispett lejn l-attrici kemm bhala martu u kemm bhala persuna, bi ksur palez ta’ kwazi l-elementi kollha essenzjali taz-zwieg, b’dan li din il-Qorti thoss li hija obbligata li tiddikjara li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba li huwa

eskluda *a priori* elementi essenzjali taz-zwieg waqt li huwa kkometta ruhhu ghaz-zwieg ma’ l-attrici, tant li jidher li huwa qatt ma accetta mhux biss li jkun lejali lejn martu, izda fuq kollox li jirrispetta bhala mara u bhala persuna u mhux jiddisprezzaha f’kull okkazzjoni li jkollu.

Illi dan qed jinghad fl-isfond tal-fatt li l-kuncett taz-zwieg, anke fil-hajja ta’ llum u forsi iktar fil-hajja ta’ llum, huwa wiehed nobbli li fuq kollox jezalta’ r-rispett u d-dinjita’ tal-partecipanti fl-istess, ghaliex x’hemm iktar ta’ valur milli sieheb u siehba jaghtu promessa u jweghdu ruhhom fidili ghal xulxin ghal hajjithom kollha taht kull aspett tac-cirkostanzi kollha tal-hajja futura taghhom? Mela ma hemm l-ebda dubju li dan kollu jrid ikun mibni fuq ir-rispett lejn il-persuna li jrid ikun l-element bazi li fuqu jinbena rapport sod bejn il-konjugi li altimament ghandu jwassal sabiex zewg persuni jsiru fl-imhabba persuna jew ahjar korp wiehed li tissejjah familja anke bl-ulied li jsebbhu tali unjoni. Jekk pero’ l-agir ta’ wiehed jew wahda jkun tali li lanqas biss juri li jirrispetta d-dinjita’ tal-persuna l-ohra, anzi din (jew dan) tigi suggetta ghal disprezz kontinwu u kostanti, din il-Qorti thossha difficli li taccetta li tali persuna hekk rea ta’ l-imsemmija atti dispreggattivi u degradenti fil-konfront tal-parti l-ohra, qatt setgha kellha kunsens validu li jaccetta l-elementi essenzjali taz-zwieg, ghaliex baziku f’dan l-elementi necessarji li jaghmlu z-zwieg hija r-rispett uman, u fuq kollox ir-rispett lejn id-dinjita’ tieghu jew taghha skond il-kaz. F’dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li bil-mod kif ingabu l-provi dwar il-komportament tal-konvenut tul il-konvivenza tieghu ma’ l-attrici, juru u jindikaw b’mod konsistenti li l-istess konvenut kellu l-kunsens tieghu vizzjat skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi ghalhekk dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif fuq inghad.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-19 ta' Novembru tas-sena 1996, huwa null u minghajr effett legali skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tordna li din in-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------